# LECTIO DIVINA

# It-Tieni Ħadd

# Matul is-Sena (Sena B)

**Ġw 1, 35-42**

**F'dak iż-żmien [L-għada] , Ġwanni kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu.**

ilwaqt li fis-Sinottiċi huwa Ġesù li jsejjaħ direttament l-ewwel dixxipli (cfr *Mt* 4,18-22; *Mk* 1,16-20; *Lq* 5,1-11) , ir-raba' Vanġelu jpoġġi lil Ġwanni bħala x-«xhud» (*Ġw* 1,7) li juri, jindika lil Kristu. L-evanġelista jdaħħal is-sejħa tal-ewwel dixxipli fil-kuntest tax-*xhieda*. Iż-żewġ dixxipli jinsabu max-*xhud* li jumejn qabel kien stqarr li hu sempliċi «leħen» u mhux il-Messija (cfr 1, 19-28), u l-jum ta' qabel indika l-missjoni ta' Kristu bħala «l-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnub tad-dinja», bħala *aqwa minnu*, bħala «l-Iben ta' Alla» (cfr 1, 29-34). L-«għada», id-dixxipli qegħdin ma' Ġwanni li jinsab wieqaf, fuq saqajh («εἱστήκει» tr. *eistekei* minn «ἵστημι» tr. *histemi* li tfisser, fost l-oħrajn, toqgħod fuq saqajk, toqgħod ħdejn) biex *jagħti xhieda*: hu l-ħabib li jinsab «ħdejn» l-għarus (*Ġw* 3,29) u għalhekk kapaċi jagħraf il-mument tal-grazzja (tal-*kairos*) biex jindika lid-dixxipli tiegħu l-Imgħallem veru. L-istorja ta' kull vokazzjoni ssib il-bidu tagħha ħdejn dawk li huma xhieda li jinsabu *wieqfa ħdejn* il-Messija. L-istess lejn tmiem il-Vanġelu nsibu lil «Marija, omm Ġesù» wieqfa ħdejn is-Salib ta' Binha. *Liema huma x-xhieda tal-istorja tal-vokazzjoni tiegħi? Kemm noqgħod fil-kumpanija tal-qaddisin li bix-xhieda tagħhom kapaċi jindikawli lil Kristu? Kemm nixrob mill-ħajja u mill-kitbiet tagħhom?*

**Ħares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal:**

Il-ħarsa ta' Ġwanni hija waħda li *taqra r-realtà minn ġewwa*, hija l-ħarsa fil-fond, tad-dixxerniment («ἐμβλέπω» tr. *emblepo*). Hija l-ħarsa meħtieġa biex tara lil Ġesù li *jinsab miexi* («περιπατέω» tr. *peripateo*). Ġesù mhuwiex xi kunċett vojt, imma Persuna ħajja,

f'*moviment* li ddaħħal lil dawk li jemmnu fiH f'mixja li tbiddel lill-bniedem. L-evanġelisti jiddeskrivu s-sejħa tad-dixxipli bi tlett azzjonijiet li jwettaq Ġesù: hu *jgħaddi – iħares – isejjaħ* (cfr *Mt* 4,18-22; *Mk* 1,16-20; *Lq* 5,27-28). Kristu jgħaddi, iħares u jsejjaħ darba biss. Għalhekk hija meħtieġa l-preżenza ta' min bħal Ġwanni l-Battista kapaċi *jaqra fil-fond* il-mogħdija ta' Alla fl-istorja tal-bniedem: "Nibża' minn Alla għaddej" (S. Wistin). *B'liema serjetà nieħu d-direzzjoni spiritwali? Kemm jien sinċier? Kemm jien doċli biex nilqa' l-indikazzjonijiet li jingħatawli biex niltaqa' mal-ħarsa ta' Kristu hemm fejn hu jinsab għaddej fil-ħajja tiegħi (m'iniex jien li ngħid lil Kristu minn fejn għandu jgħaddi!)?*

**«Araw il-Ħaruf ta' Alla». Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù.**

Il-Battista – b'differenza għall-istqarrija li jagħmel il-jum ta' qabel (cfr 1,29) – ma jsemmix x'*jagħmel* Ġesù imma jiffoka fuq l-*identità* tiegħu bħala «l-Ħaruf ta' Alla». Ix-xhud jitlob lid-dixxipli tiegħu jiftħu għajnejhom («ἴδε» tr. *ide*: «araw») u qalbhom għad-dawl ta' Kristu. Id-dixxiplu jrid ikun lest li jilqa' lil Kristu kif jiġi rrivelat lilu: bħala «ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha» (*Is* 53, 7). Irid ikun f'*atteġġjament ta' smigħ*, kif kienu ż-żewġ dixxipli li jmorru wara Kristu għax jisimgħu lil Ġwanni. Is-*smigħ* taż-żewġ dixxipli (vb. «ἀκούω», tr. *akouo*) mhuwiex sempliċi smigħ tas-sensi imma smigħ riflessiv ta' min iqis sewwa dak li sema'. Huma ma jisimgħux biss kliem, imma *sejħa* li twassalhom biex minnufih jagħmlu għażla għax dik il-«kelma» tinfed lill-qalbhom (cfr *Atti* 2, 37; *Rum* 10,17) . Id-dixxipli kienu diġà laqgħu s-sejħa tal-Battista għall-indiema u l-konverżjoni, u kienu jinsabu f'atteġġjament li jwittu t-triq ta' qalbhom għal dak li kellu jiġi (cfr *Ġw* 1,23). L-atteġġjament ta' smigħ, li fil-Bibbja huwa marbut ma' dak tal-ubbidjenza, hu fundamentali biex wieħed jimxi wara Ġesù. Huwa smigħ li jwassal għal *tweġiba konkreta*, għal azzjoni fil-ħajja: «Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom. Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma u ma jagħmilhiex, ikun bħal bniedem li jara f'mera l-wiċċ li bih twieled: jara lilu nnifsu, jitlaq u malajr jinsa kif kien. Imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan fl-għemil tiegħu» (*Ġak* 1,22-25). *Insawwar fija l-atteġġjament ta' smigħ kontinwu tal-Kelma ta' Alla: kemm nista' ngħid li ħajti hija «lectio» kontinwa fejn naqra lili nnifsi, dak li qed jiġri, ir-relazzjonijiet tiegħi mal-oħrajn fid-dawl tal-Kelma ta' Alla? Ħajti hija smigħ ta' ħsejjes jew smigħ riflessiv u medattiv ta' dik il-Kelma li tagħżilna u ssejjaħli?*

**Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: «Xi tridu?»**

L-ewwel kelmiet li Ġesù jlissen fir-raba' Vanġelu huma mistoqsija diretta lejn dawk li «mexjin warajh» dwar liema huma x-xewqat l-aktar profondi tagħhom, il-veri *motivazzjonijiet* (vb. « ζητέω» tr. *zeteo*: «tfittex; tixtieq; tixxennaq [*to crave*]»). Kif jurina l-evanġelista Ġwanni, wieħed jista' jfittex lil Ġesù jew biex *joqtlu* frott il-mibegħda (bħas-suldati u l-għases fil-Ġetsemani, cfr *Ġw* 18.4.7: «Lil min qegħdin tfittxu?») jew biex *isibu* frott l-imħabba (bħal Marija ta' Magdala, cfr *Ġw* 20,15: «Lil min qiegħda tfittex?»). Xi drabi d-dixxiplu jista' jfittxu fil-postijiet żbaljati (bħal Marija ta' Magdala li tfittxu qalb il-mejtin!) imma jekk hemm qalb li tfittxu bl-imħabba, mhuwiex tant id-dixxiplu li jsibu imma Hu li jsib lir-ruħ li tħobbu (cfr *Għan* 5,6ss; *Prov* 8,17). *X'inhuma l-motivazzjonijiet, ix-xewqat li qed isuquni biex nimxi wara Ġesù?*

**Iżda huma staqsewh: «Rabbi» - li tfisser, Mgħallem - «fejn toqgħod?» Hu weġibhom: «Ejjew u taraw.» U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar.**

Għalkemm il-Battista kien indikah bħala l-*Ħaruf ta' Alla*, id-dixxipli jsejħu lil Kristu «Rabbi». L-għarfien tagħhom ta' Kristu jikber *gradwalment* billi *joqogħdu miegħu*, jiġifieri billi jagħmlu esperjenza *ta' għaqda miegħu*: ma jitolbux *informazzjoni* imma *komunjoni* (vb. «μένω» tr. *meno* ifisser *toqgħod, tibqa'*). Il-«fejn» tal-Imgħallem mhuwiex post fiżiku (cfr *Mt* 8,20; *Lq* 9,58) imma r-rabta tiegħu mal-Missier: «Jiena fil-Missier u l-Missier fija» (*Ġw* 14,11; cfr 7,34; 8,21; 13,33). Il-«fejn» tad-dixxiplu hu li *jibqa'* fl-Imgħallem tiegħu: «Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom» (*Ġw* 15,4; cfr 14,22-23). Għalhekk hu msejjaħ biex jagħmel din l-esperjenza ma' Kristu li hija waħda konkreta, li sseħħ fl-istorja meta s-«siegħa» tal-bniedem tidħol fis-«siegħa» tal-Iben («ħabta tal-erbgħa»; cfr *Ġw* 4,6.52; 17,1; 19,14). Din l-esperjenza li tibqa' ma' Kristu hija essenzjali biex id-dixxiplu jsir aktar intimu tat-tagħlim tal-Imgħallem u tar-relazzjoni intima tiegħu mal-Missier biex imbagħad jibgħatu jwassal il-Bxara t-Tajba (cfr *Mk* 3,13-15; *Mt* 13,11; *Ġw* 17,1-6; *Lq* 22,39-45). *Is-Seminarju huwa ż-żmien biex tara fejn joqgħod Kristu, biex tikber fil-komunjoni, fil-ħbiberija miegħu*: *"To live in the seminary, which is a school of the Gospel, means to follow Christ as the apostles did. You are led by Christ into the service of God the Father and of all people, under the guidance of the Holy Spirit. Thus you become more like Christ the good shepherd in order better to serve the Church and the world as a priest. In preparing for the priesthood we learn how to respond from the heart to*

*Christ's basic question: 'Do you love me?' (Jn. 21:15). For the future priest the answer can only mean total self giving."* (*Pastores dabo vobis*, 42).

**Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indrì, ħu Xmun Pietru. L-ewwel ma għamel mar sab lil ħuh Xmun u qallu: «Sibna l-Messija» - li tfisser Kristu. U ħadu għand Ġesù.**

Id-dixxiplu issa jsir ix-Xhud li jindika lil ħuh lil Kristu. Indrì jagħmel esperjenza *ħajja* ta' Kristu hekk li dak li qabel kien imsejjaħ «Rabbi» kwalunkwe, issa jiġi mistqarr bħala l-«Messija». Dak li *sema'*, dak li *mar*, dak li *ra,* issa *jmur ifittex* sabiex *iħabbar*. Hu jitkellem fil-plural għax l-esperjenza ma' Kristu qatt mhija ta' wieħed waħdu, imma dejjem *esperjenza tal-komunità*, *esperjenza ekkleżjali*. Il-vokazzjoni hija dejjem sejħa li tinbet f'qalb wieħed li hu f'*relazzjoni mal-oħrajn* (kienu tnejn id-dixxipli; id-dixxipli kienu jisimgħu mix-xhud Ġwanni), li jitqiegħed f'*relazzjoni li tiftħu aktar għall-"Int" li hu Alla li jsir il-pedament tar-rabta tad-dixxiplu mal-oħrajn fl-imħabba li tingħata* (cfr *Ġw* 13,34-35), li jintbagħat biex iwassal lill-*oħrajn* l-esperjenza konkreta tiegħu tal-Messija. Il-vokazzjoni hija marbuta mal-Knisja: id-dixxerniment tagħha mhuwiex biss wieħed personali/individwali imma ekkleżjali (cfr *Atti* 1,21-26; 6,1-6 ) u l-mibgħut dejjem jaħdem f'rabta ta' mħabba mar-ragħajja tal-Knisja (cfr *Gal* 2,1-10). *Nirrifletti fuq kemm ninsab doċli biex ngħix id-dixxerniment vokazzjonli mhux bħala xi tellieqa miegħi nnifsi jew biex nilħaq xi tragward personali, imma bħala dixxerniment li nagħmlu fi ħdan komunità, fejn ħaddieħor jgħinni ngħarbel il-qalb tiegħi, u fejn il-Knisja, permezz tar-ragħajja tagħha, qed takkumpanjani f'din il-mixja.*

**Ġesù ħares lejh u qallu: «Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti tissejjaħ Kefa» - jew Pietru.**

Dik il-ħarsa li biha l-Prekursur iħares lejn il-Ħaruf fil-bidu tas-silta (v. 36), issa ssir il-*ħarsa* li biha Ġesù jilqa' lil Xmun. Ġesù *jaqra r-realtà* ta' min jersaq quddiemu: kemm dik *imgħoddija* («bin Ġwanni»), kemm din *preżenti* («Inti Xmun»), kemm dik *futura* («tissejjaħ Kefa»). Dak li huwa "doċli fis-smigħ" (hekk ifisser l-isem Ebrajk *Šim'on*) kapaċi jħalli lil Kristu jnaġġru anki meta jaqa' fl-esperjenza taċ-ċaħda għax fil-qiegħ ta' qalbu hemm *disponibilità* għal Alla. Għalhekk l-Ispirtu jsawwru fi «Blata» li fuqha l-Imgħallem jibni l-Knisja tiegħu (cfr *Mt* 16,18): għax hu jħalliH imexxih gradwalment u jieħdu anki f'dawk l-imkejjen fejn ma jridx, u jwasslu lejn dik il-mewt li biha jagħti glorja lil Alla (cfr *Ġw* 21,18-19). Tabilħaqq, Xmun Pietru jsir għal kull dixxiplu eżempju tal-bniedem li jħalli l-ħarsa ta' Kristu tinfdu fil-profond, anki fl-

esperjenza tad-dnub (cfr *Lq* 22,61-62), ħalli tnaġġru u tagħmel minnu «blata» li jwettaq lil ħutu (*Lq* 22,32). *Inħalli l-ħarsa ta' Kristu tinfidni, taqrani u ssalvani. "Peter, an apostle: thus the one who is speaking [in his Letters] is the one who found the Messiah in Jesus Christ, who was the first to speak on behalf of the future Church [...], to whom he entrusted his flock after the Resurrection, saying to him three times: "Feed my lambs...Tend my sheep" (cf. Jn 21:15-17). And it is also the man who fell who is speaking, the man who denied Jesus three times and was granted the grace to see Jesus' look, to feel deeply moved in his heart and to find forgiveness and a renewal of his mission. However, above all it is important that this man, full of passion, full of longing for God, full of a desire for the Kingdom of God, for the Messiah, this man who has found Jesus, the Lord and the Messiah, is also the man who sinned, who fell; and yet he remained in God's sight and in this way he remained responsible for the Lord's Church, he remained the one assigned by Christ, he remained the messenger of Christ's love."* (Benedittu XVI, *Lectio lis-seminaristi*, 8 Frar 2013).